**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta Frar, 2016

Rikors Nru : 149/15 AL

**A B**

**u**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew :

Illi l-partijiet izzewwgu fit-30 (tletin) ta' Settembru 2002 (elfejn u tnejn), skont l-anness certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dokument A, u minn dan iz-zwieg twieldet tifla. M B fil-15 ta' (hmistax) ta' Awwissu 2003 (elfejn u tlieta);

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Ruben Casingena datat 3 (tlieta) ta' Settembru 2009 (elfejn u disa), kopja ta' dan il-kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala

Dokument B, u ilhom separaati *de* facto ghal oltre erba` snin, kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors;

Illi ma jezisti ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante illi minbarra t-trapass taz-zmien minn meta l-partijiet ilhom separati, illum il-gurnata huma ghandhom hajja totalment separata u distinta minn xulxin;

Illi rigward manteniment fil-konfront tat-tifla M B, il-partijiet dejjem ikkontribwew ghal htigijiet tal-istess minuri;

Illi dawn il-fatti hawn fuq citati jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghal otteniment tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbu sabiex din il-Qorti in vist tal-premess :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-eventwali divorzju u dan sabiex jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ April 2015;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-3 ta’ Settembru 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.